

Brussell, 7 ta' Mejju 2026
(OR. en)

9061/26

SOC 244
EMPL 109
COH 79
COMPET 551
EDUC 151
ANTIDISCRIM 43
ENER 238

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Mejju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 538 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea Kontra l-Faqar: nindirizzaw u nipprevjenu l-faqar mit-tfulija sax-xjuħija

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 538 final.

Mehmuż: COM(2026) 538 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.5.2026
COM(2026) 538 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea Kontra l-Faqar: nindirizzaw u nipprevjenu l-
faqar mit-tfulija sax-xjuħija**

{SWD(2026) 770 final} - {SWD(2026) 771 final}

L-għajxien b'dinjità huwa dritt fundamentali u l-UE impenjat ruħha li tirrispettah u tippoteġih⁽¹⁾. Il-kost tan-nuqqas ta' azzjoni għall-ġlieda kontra l-faqar huwa sinifikanti u multidimensjonali. Il-faqar jimmina l-koeżjoni soċjali, jimmina d-demokrazija u jżomm il-potenzjal ekonomiku tal-Ewropa lura. Ekonomija kompetittiva u innovattiva ħafna li żżid it-tkabbir u li toħloq impjegi ta' kwalità tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-faqar. L-inflazzjoni dejjem tiżdied li tirriżulta mill-impatt tat-taqlib ġeopolitiku u d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili ħalliet impatt u se tkompli tħalli impatt fuq il-kontinjuet tal-enerġija u fuq il-prezz tal-oġġetti bażiċi, inkluż l-ikel, u twassal għal żieda fit-tbatija u fin-nuqqas ta' sigurtà finanzjarja fl-Ewropa. Filwaqt li l-persuni l-aktar vulnerabbli huma l-aktar milquta, l-unitajiet domestiċi b'introjtu medju huma wkoll f'riskju li jsibu ruħhom fil-prekarjetà, u dan jagħmel kemm il-prevenzjoni kif ukoll il-protezzjoni aktar urġenti minn qatt qabel.

Illum, madwar wieħed minn kull ħames ċittadini Ewropej jinsab fir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali⁽²⁾. Dan ifisser li 93 miljun persuna ma jistgħux jaffordjaw għajxien deċenti. Ifisser li 19-il miljun tifel u tifla jibdeu il-ħajja tagħhom diġà fi żvantaġġ. Xi territorji huma partikolarment f'riskju, bi 93 mill-243 reġjun tal-UE jirreġistraw rati ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali oġhla mill-medja tal-UE.

L-UE diġà impenjat ruħha għal mira tal-2030 li tnaqqas l-għadd ta' persuni fir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali b'mill-inqas 15-il miljun, inkluż mill-inqas 5 miljun tifel u tifla⁽³⁾. L-Istati Membri jappoġġaw din l-ambizzjoni permezz ta' miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-faqar. Sar xi progress, minkejja s-serje ta' kriżijiet li ġarrbet l-UE f'dawn l-aħħar snin: sal-2025, l-UE kienet irreġistrat tnaqqis ta' 3,5 miljun meta mqabbel mal-2019, filwaqt li ċ-ċifra għat-tfal baqgħet ġeneralment stabbli. Hemm bżonn ta' sforzi aktar b'saħħithom, sostnuti u aktar ikkoordinati biex noqorbu lejn il-mira tal-2030.

Il-Kummissjoni qiegħda tistabbilixxi l-ambizzjoni li tgħin biex jinqered il-faqar fl-UE sal-2050. Din l-ewwel Strateġija tal-UE Kontra l-Faqar li qatt saret tistabbilixxi approċċ komprensiv għall-prevenzjoni u għall-protezzjoni kontra l-faqar, u tikkontribwixxi għat-twettiq tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Filwaqt li tibbaża fuq dak li diġà qiegħed isir u l-politiki stabbiliti, hija tistabbilixxi l-perkors għal aktar progress fit-tnaqqis tal-faqar.

L-Istrateġija tipproponi miżuri meħuda fil-livell tal-UE biex jiġi indirizzat il-faqar, li huma speċifiċi għal kull kategorija ta' età, filwaqt li tirrikonoxxi l-impatt tal-faqar tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu. L-approċċ ta' inklużjoni attiva huwa essenzjali għall-Istrateġija, billi jenfasizza l-importanza tal-appoġġ għall-attivazzjoni tas-suq tax-xogħol għal dawk li jistgħu jaħdmu (inkluża t-tranżizzjoni għal impjegi ta' kwalità, bħala l-ewwel u l-aqwa għodda għall-prevenzjoni tal-faqar), l-aċċess għal oġġetti u servizzi ewlenin li huma essenzjali għall-benesseri u għall-integrazzjoni tal-persuni fis-soċjetà u appoġġ adegwat għall-introjtu. Minħabba d-daqs tal-isfida, it-twassil ta' riżultati fit-tnaqqis tal-faqar jirrikjedi investimenti immedjati u sostenibbli.

(1) Ara l-Artikolu 1, il-[Karta tad-Drittijiet Fundamentali](#) 2012/C 326/02 tas-26 ta' Ottubru 2012 "Id-dinjità tal-bniedem hija invjolabbli. Hija għandha tkun irrispettata u protetta"; L-Artikolu 3, it-Trattat tal-Unjoni Ewropea "[L-UE] għandha tiġġieled kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, u tippromwovi l-ġustizzja u l-protezzjoni soċjali".

(2) Fl-2025, 20,9 % tal-popolazzjoni tal-UE kienet fir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (AROE).

(3) Il-mira ntlaqgħet mill-Kunsill Ewropew fil-25 ta' Ġunju 2021.

Il-ġlieda kontra l-faqar hija responsabbiltà kollettiva u tirrikjedi sforzi kkoordinati fil-livelli kollha. Fil-livell tal-UE, aħna stabbilejna l-ewwel Strateġija tal-UE Kontra l-Faqar permezz ta' din il-Komunikazzjoni. Is-suċċess tagħha se jiddependi mill-involvement attiv tal-awtoritajiet fil-livelli kollha ta' governanza, dik nazzjonali, reġjonali u lokali, kif ukoll tal-UE, is-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili, is-settur privat, kif ukoll fuq l-involvement ta' persuni li jkunu qegħdin jesperjenzaw il-faqar huma stess. L-Istrateġija ttiprovdi wkoll qafas għal kooperazzjoni msaħħa ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE u mal-organizzazzjonijiet rilevanti.

L-Istrateġija hija mibnija fuq konsultazzjonijiet estensivi ⁽⁴⁾ u fuq bażi analitika, li huma dettaljati fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjaha⁽⁵⁾, inkluża analiżi tal-isforzi preċedenti tal-UE fil-ġlieda kontra l-faqar⁽⁶⁾. Il-**Kapitolu 1** jeżamina l-miżuri biex jiġi indirizzat il-faqar tul iċ-ċiklu tal-ħajja. Il-**Kapitolu 2** jivvaluta l-isfidi u d-dimensjonijiet orizzontali li jistgħu jaggravaw il-faqar. Il-**Kapitolu 3** jipprovdi opportunitajiet biex jittejbu l-governanza, il-finanzjament u l-monitoraġġ fil-livelli kollha.

1. MIŻURI BIEX JIĠI INDIRIZZAT IL-FAQAR F'KULL GRUPP TA' ETÀ

Il-ġenerazzjonijiet kollha jirrikjedu attenzjoni mmirata għall-prevenzjoni u għall-indirizzar tal-faqar. Filwaqt li kull ġenerazzjoni għandha ħtiġijiet speċifiċi u tirrikjedi azzjoni mmirata biex tipprevjeni u tiġġieled il-faqar, approċċ integrat li jikkombina riżorsi adegwati ma' aċċess effettiv għal servizzi ta' kwalità huwa essenzjali għall-etajiet kollha. L-indirizzar tal-faqar fost it-tfal jindirizza l-benesseri tat-tfal fil-ġurnata tal-lum u jgħin biex jiġi pprevenut il-faqar aktar tard matul il-ħajja; l-appoġġ għall-popolazzjoni fl-età tax-xogħol, inkluż b'miżuri mmirati għall-attivazzjoni, huwa essenzjali wkoll biex jiġi pprevenut kemm il-faqar fost it-tfal kif ukoll il-faqar fix-xjuħija; u t-tixjiħ demografiku jintensifika l-ħtieġa li jiġu appoġġati l-persuni akbar fl-età.

Miżuri li jgħinu biex jitkisser iċ-ċiklu ta' żvantaġġ u jissaħħu l-opportunitajiet fil-ħajja

Bħala medja fl-UE, il-familji bit-tfal, b'mod partikolari l-familji b'ġenitur wieħed, huma esposti b'mod partikolari għall-faqar jew għall-esklużjoni soċjali. Il-faqar fost it-tfal jirrifletti s-sitwazzjoni ekonomika tal-unità domestika fejn jgħixu t-tfal. Introjtu baxx tal-ġenituri huwa fattur determinanti primarju tal-faqar fost it-tfal, li jirriżulta minn ostakli li jxekklu l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-ġenituri u l-faqar fost dawk li jaħdmu ⁽⁷⁾, filwaqt li l-kostijiet tat-trobbija tat-tfal jinħassu b'mod aktar akut fil-kuntest taż-żieda fil-prezzijiet tal-akkomodazzjoni, tal-enerġija u tal-ikel. Il-ġenituri waħedhom, u b'mod partikolari l-ommijiet waħedhom, għandhom probabbiltà ta' aktar mid-doppju li jkunu fir-

⁽⁴⁾ L-Istrateġija hija msejsa fuq sejħa għal evidenza u konsultazzjoni pubblika, li saru mill-25 ta' Lulju 2025 sal-24 ta' Ottubru 2025, kif ukoll fuq diversi konsultazzjonijiet immirati.

⁽⁵⁾ Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Il-Faqar fl-UE – xejriet u politiki ewlenin, SWD (2026) 770

⁽⁶⁾ Din ibbenefikat mid-[djalogu dwar l-implimentazzjoni dwar "Miżuri għall-ġlieda kontra l-faqar: ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva, u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Garanzija Ewropea għat-Tfal"](#) li sar fl-24 ta' Frar 2026.

⁽⁷⁾ [European Employment and Social Outlook](#). Rieżami trimestrali minn Janjar 2026.

riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali⁽⁸⁾. B'konsegwenza ta' dan, illum fl-UE, wieħed minn kull erbat itfal jinsabu fir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali⁽⁹⁾.

L-indirizzar tal-faqar fost it-tfal jirrikjedi titjib fl-aċċess għal riżorsi adegwati għall-ġenituri. L-ewwel nett, huwa essenzjali li jiġi appoġġat l-aċċess tal-ġenituri għal impjiegi ta' kwalità u li l-familji vulnerabbli jingħataw appoġġ adegwat għall-introjtu. It-tieni, is-sistemi mfassla tajjeb tal-benefiċċji tat-tfal u tal-familja għandhom rwol ċentrali biex jgħinu lill-familji jlaħħqu mal-kostijiet tat-trobbija tat-tfal. Madankollu, l-impatt tal-benefiċċji fuq il-faqar u l-esklużjoni jvarja ħafna fl-Istati Membri. Dan jindika l-ħtieġa li **jittejbu d-disinn, il-kopertura, l-adeqwatezza u l-adozzjoni tagħhom.** Il-koordinazzjoni fost is-sistemi, is-servizzi u l-benefiċċji tal-protezzjoni soċjali teħtieġ li tittejjeb ukoll. Biex tindirizza dan, fl-2027 il-Kummissjoni se tadotta Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tisħiħ tal-effiċjenza u l-integrazzjoni tas-sistemi ta' benefiċċji relatati mat-tfal fl-indirizzar tal-faqar fost it-tfal, biex ittejjeb il-koordinazzjoni u ssaħħa l-impatt pożittiv tagħhom, fl-aħjar interess tat-tfal. Jidher li hu importanti li titqies u, fejn ikun meħtieġ, li tittejjeb id-distribuzzjoni tan-nefqa soċjali u nefqa pubblika oħra fost il-gruppi ta' età biex jitnaqqas il-faqar fost it-tfal u titrawwem l-ekwità interġenerazzjonali, f'kuntest ta' riżorsi pubbliċi limitati.

It-tfal f'riskju għandhom jiġu protetti mill-faqar u għandu jkollhom aċċess għas-servizzi li jeħtieġu, bħala kwistjoni ta' urġenza. L-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal ta' kwalità għolja, l-edukazzjoni skolastika, l-attivitajiet ekstrakurrikulari, inklużi l-isport u l-kultura, l-ikliet fl-iskejjel u n-nutrizzjoni tajba għas-saħħa, il-kura tas-saħħa u l-akkomodazzjoni huma fost is-servizzi ewlenin li jistgħu jgħinu biex jikkumpensaw għall-iżvantaġġi u jrawmu opportunitajiet indaqs għat-tfal vulnerabbli biex jiġi appoġġat il-ħruġ tagħhom mill-faqar. Filwaqt li tibbaża fuq il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni li għaddejjja tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal kif ukoll fuq l-isfidi emerġenti li jiffaċċjaw it-tfal fil-bżonn, il-Komunikazzjoni: "Inkissru ċ-ċiklu tal-faqar fost it-tfal — Insaħħu l-Garanzija Ewropea għat-Tfal" tħabbar miżuri biex jittejjeb l-aċċess komprensiv għas-servizzi kollha li t-tfal jeħtieġu biex jilhqqu l-potenzjal sħiħ tagħhom fil-ħajja.

Appoġġ għaż-żgħażaġh biex jirnexxu

Illum, iż-żgħażaġh fl-UE qegħdin jiffaċċjaw riskju ferm akbar ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali. Fl-2025, 24 % taż-żgħażaġh taħt l-età ta' 29 sena kienu fir-riskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali, jiġifieri 3 punti perċentwali oġhla mill-popolazzjoni totali. Dan huwa xprunat l-aktar mill-qgħad fost iż-żgħażaġh, mit-tluq bikri mill-iskola u mid-diżimpenn mill-edukazzjoni jew mis-suq tax-xogħol.

L-isfidi ewlenin li qegħdin jiffaċċjaw iż-żgħażaġh vulnerabbli jikkonċernaw l-aktar it-tranżizzjoni tagħhom bejn l-edukazzjoni jew it-taħriġ u l-impjieg u l-aċċess għal servizzi ewlenin. Iż-żgħażaġh qegħdin jiffaċċjaw sfidi dejjem aktar kumplessi f'suq tax-xogħol li qiegħed jevolvi b'mod rapidu, inkluż esponiment oġhla għal kuntratti b'terminu qasir u traineeships mhux imħallsa, fost l-oħrajn. Il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ⁽¹⁰⁾ għandha l-għan li tiżgura li iż-żgħażaġh kollha taħt id-29 sena jirċievu offerta ta' impjieg ta' kwalità

⁽⁸⁾ Fl-2024, ir-rata ta' AROPE tal-ommijiet waħedhom kienet ta' 46,3 % fl-UE.

⁽⁹⁾ Wieħed minn kull għaxart itfal ma għandhom l-ebda aċċess għal ikla li tinkludi l-laħam, it-tiġieġ, il-ħut jew ekwivalenti veġetarjan kuljum.

⁽¹⁰⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2020/C 372/01 tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar [Pont għall-Impjiegi — It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ.](#)

tajba, edukazzjoni kontinwa, jew apprendistat jew traineeship fi żmien 4 xhur minn meta jisfaw qiegħda jew minn meta jitilqu mill-edukazzjoni formali. Sa mill-ħolqien tagħha fl-2013, din għenet lil aktar minn 63 miljun żaġżuġħ Ewropew.

B'ħarsa lejn il-ġejjieni, il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri biex issaħħaħ l-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, b'mod partikolari billi tintensifika l-involvement taż-żgħażaġħ fil-bżonn, jiġifieri f'żoni b'rati għoljin ta' qgħad. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jiġu stabbiliti u appoġġati **spazji adegwati, sikuri u inklużivi barra mill-iskola fil-livell lokali**, li jistgħu jservu bħala ċentri li jipprovdu pariri komprensivi u kkoordinati u mentoraġġ liż-żgħażaġħ, kif ukoll li jiġi żgurat approċċ integrat u rabtiet aktar b'saħħithom ma' servizzi oħra.

Barra minn hekk, biex titwaqqaf it-trażmissjoni tal-faqar u tal-iżvantaġġi, huwa essenzjali **li tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ta' tfal fil-bżonn għal żgħażaġħ mogħtija s-setgħa**. Il-Komunikazzjoni: "Inkissru ċ-ċiklu tal-faqar fost it-tfal — Insaħħu l-Garanzija Ewropea għat-Tfal" qiegħda tappoġġa dan billi tipproponi miżuri biex tgħaqqad il-Garanzija Ewropea għat-Tfal u l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ. Sal-2027, il-Kummissjoni se tiżviluppa **sett ta' għodod biex tgħaqqad u ssaħħaħ il-koordinazzjoni bejn il-Garanzija għat-Tfal u l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ**, li jinkludi enfasi fuq approċċ individwalizzat u li jiżgura rabtiet aktar b'saħħithom ma' servizzi oħra, b'mod partikolari dawk koperti fil-Garanzija Ewropea għat-Tfal.

Indirizzar tal-faqar li jaffettwa lil persuni fl-età tax-xoġħol

L-evidenza turi li għal dawk li jistgħu jaħdmu, impjieg ta' kwalità huwa l-aħjar protezzjoni kontra l-faqar. Aktar milli sempliċement sors ta' introjtu, dan jagħti lin-nies sens ta' dinjità u skop, kif ukoll network soċjali u sens ta' appartenenza għal komunità usa'. Illum, ħafna nies jiffaċċjaw il-faqar jew jirriskjaw li jispiċċaw fil-faqar minħabba l-esklużjoni tagħhom mis-suq tax-xoġħol: fl-2025, 66 % tal-persuni qiegħda u 44 % tal-persuni barra mis-suq tax-xoġħol kienu fir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali. In-nisa jiffaċċjaw ostakli speċifiċi, u hemm 6,7 miljun aktar nisa milli rġiel fir-riskju ta' faqar fl-UE⁽¹⁾. Il-ġenituri b'responsabbiltajiet ta' kura spiss ma jkollhomx aċċess għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità, jew ma jistgħux jaffordjawhom. Dan jissarraff f'rati ta' impjieg aktar baxxi għan-nisa, li jintwerew bħala medja f'lakuna ta' għaxar punti perċentwali fir-rigward tal-irġiel.

L-appoġġ għall-integrazzjoni fis-suq tax-xoġħol ta' dawk li għandhom il-kapaċità li jaħdmu jirrikjedi miżuri ta' attivazzjoni mmirati u effettivi, b'mod partikolari għall-persuni qiegħda fit-tul, dawk inattivi u dawk li qegħdin jiffaċċjaw ostakli speċifiċi. Huwa kruċjali li l-miżuri ta' appoġġ jipromwovu l-awtosuffiċjenza individwali u jippreżentaw il-bilanċ it-tajjeb bejn l-appoġġ għall-introjtu, il-miżuri attivi tas-suq tax-xoġħol, l-inċentivi tax-xoġħol u l-obbligi reċiproċi. L-għajjuna lil dawk l-aktar vulnerabbli biex jiksibu l-ħiliet, itejbu l-impjegabbiltà tagħhom u għalhekk iżidu l-possibiltajiet tagħhom li jsibu impjieg sostnut u ta' kwalità tirrikjedi approċċ individwalizzat, inkluż dwar l-assistenza għat-tfittix ta' impjieg, il-konsulenza u l-gwida, it-taħriġ u l-esperjenza tax-xoġħol⁽²⁾. Fl-istess ħin, l-appoġġ għall-attivazzjoni huwa kruċjali għat-trawwim ta'

⁽¹⁾ Fl-2025, hemm 43 miljun raġel u kważi 50 miljun mara fir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali fl-UE, skont id-[data tal-Eurostat](#).

⁽²⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2016/C 67/01 tal-15 ta' Frar 2016 [dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xoġħol](#).

talent potenzjali mhux sfruttat fl-Ewropa u jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku, għall-kompetittività u għall-iżvilupp tal-komunità.

Din hija r-raġuni għala, f'konformità mal-Artikolu 154(2) tat-TFUE, fit-tieni nofs tal-2026, il-Kummissjoni se tnedi l-ewwel stadju ta' konsultazzjoni tas-sħab soċjali Ewropej biex tikseb il-fehmiet tagħhom dwar id-direzzjoni possibbli tal-azzjoni tal-UE biex tappoġġa l-attivazzjoni tal-persuni esklużi mis-suq tax-xogħol u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fir-rigward tal-opportunitajiet tas-suq tax-xogħol. L-inizjattiva jkollha l-għan li tappoġġa l-identifikazzjoni u s-sensibilizzazzjoni ta' dawk il-persuni esklużi mis-suq tax-xogħol u l-istabbiliment ta' perkorsi individwalizzati lejn l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, u tinvolvi lill-awtoritajiet rilevanti kollha u ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħhom. B'dan il-mod, hija tgħin biex jiġu indirizzati l-ostakli għat-tranżizzjoni fis-suq tax-xogħol u tgħin biex tittejjeb l-adozzjoni tas-servizzi ta' appoġġ.

Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa l-ekonomija soċjali u l-mikrofinanzjament, li għandhom rwol speċifiku x'jaqdu fl-għoti ta' opportunitajiet ta' xogħol u ta' impjiegi indipendenti għal persuni li jesperjenzaw il-faqar. Dan se jinkludi l-valutazzjoni tar-rwol tal-appoġġ finanzjarju pubbliku biex jippermetti l-bidu u l-iżvilupp tal-atturi tal-ekonomija soċjali⁽¹³⁾. Barra minn hekk, gruppi speċifiċi jirrikjedu sforzi apposta, peress li jiffaċċjaw ostakli partikolari biex jidħlu fis-suq tax-xogħol. Dan huwa pereżempju l-każ għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi⁽¹⁴⁾, u għall-persuni b'diżabilità, li se jiġu appoġġati minn Pakkett dwar l-Impjiegi għall-Persuni b'Diżabilità msaħħaħ, f'konformità mal-Komunikazzjoni dwar it-Tisħiħ tal-Istrateġija għad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità sal-2030.

Madankollu, impjiegi jista' jiproteġi kontra l-faqar biss jekk jiżgura introjtu adegwat, li jkun biżżejjed biex ikopri l-għoli tal-ħajja. Minkejja titjib żgħir matul l-aħħar deċennju, madwar 8,3 % tal-persuni li jaħdmu fl-UE għadhom f'riskju ta' faqar. Dawk li jinsabu f'kuntratti part-time jew temporanji għandhom probabbiltà doppja li jkunu f'riskju ta' faqar (12,9 % u 13,4 % rispettivament) meta mqabbla ma' dawk li jkunu f'impjiegi full-time jew permanenti (6,9 % u 5,2 % rispettivament).

L-indirizzar tal-faqar fost dawk li jaħdmu jirrikjedi l-promozzjoni ta' impjiegi ta' kwalità, il-ġlieda kontra intensità tax-xogħol baxxa involontarja inkluż bit-tneħħija ta' ostakli bħan-nuqqas ta' kura affordabbli u l-iżgurar ta' aċċess għas-servizzi u l-appoġġ għall-introjtu fejn rilevanti. Dan jirrikjedi wkoll li x-xogħol mhux iddikjarat jiġi indirizzat permezz tal-formalizzazzjoni tal-inċentivi flimkien mal-infurzar. Ekonomija kompetittiva u innovattiva b'pagi adegwati u trasparenti appoġġata minn negozjar kollettiv, kuntratti tax-xogħol mhux prekarji, opportunitajiet ta' taħriġ, protezzjoni soċjali

⁽¹³⁾ Ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Soċjali, Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' qafas tal-ekonomija soċjali. B'ħarsa lejn il-ġejjieni, il-Kummissjoni se tirrevedi l-Kodiċi Ewropew ta' Kondotta Tajba għall-Għoti ta' Mikrokreditu biex il-mikrofinanzjament ikompli jissodisfa l-ħtiġijiet ta' imprendituri u persuni sottorappreżentati f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, u fir-Rebbiegħa 2026, fil-qafas tal-fergħa tal-impjiegi u l-innovazzjoni soċjali (EaSI) tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), se tnedi sejħa għal proposti li għandha l-għan li tappoġġa gruppi sottorappreżentati fl-intraprenditorija, inklużi dawk l-aktar vulnerabbli, biex jistabbilixxu n-negozju tagħhom.

⁽¹⁴⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2020) 758 final tal-24 ta' Novembru 2020 [dwar il-pjan ta' azzjoni dwar l-integrazzjoni u l-inklużjoni 2021-2027](#) u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2026) 45 final tad-29 ta' Jannar 2026 [dwar l-istrateġija Ewropea għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni](#).

adegwata⁽¹⁵⁾, kif ukoll politiki li jgħinu fir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja jippermettu impjiegi ta' kwalità⁽¹⁶⁾. It-tfassil mill-Istati Membri tal-benefiċċji soċjali u tal-benefiċċji relatati max-xogħol għandu wkoll impatt fuq il-faqar fost dawk li jaħdmu, b'mod partikolari għal dawk li qegħdin jagħmlu tranżizzjoni lejn impjiegi full-time u stabbli. Għandhom jiġu stabbiliti pagi minimi adegwati f'livell suffiċjenti biex jipproteġu lil persuni li jaħdmu full-time mill-faqar, f'konformità mad-Direttiva dwar pagi minimi adegwati.

Fl-2027, il-Kummissjoni se tressaq **Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li tipprovdwi gwida għall-politika bbażata fuq l-evidenza u l-aħjar prattiki għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-faqar fost dawk li jaħdmu**. Il-gwida se tiġi żviluppata f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mas-sħab soċjali. Din se tiddekrivi l-ixprunaturi ewlenin li jwasslu għall-faqar fost dawk li jaħdmu u se telabora l-aħjar prattiki biex tappoġġa l-bidliet lejn intensità tax-xogħol oġhla (u, għalhekk, introjti oġhla) u se tiżgura li s-sistemi tal-benefiċċji tat-taxxa jkunu allinjati b'mod konsistenti sabiex aktar sigħat li jinħadmu jissarrfu f'introjti oġhla. Din se tiġi segwita minn diskussjonijiet strutturati apposta mal-atturi rilevanti kollha, inklużi s-sħab soċjali u l-awtoritajiet nazzjonali. B'mod parallel, il-Kummissjoni se żżid l-infurzar biex tiżgura t-traspożizzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar pagi minimi adegwati⁽¹⁷⁾. Ir-rapport li jmiss tal-2026 dwar id-Direttiva se jipprovdwi ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni attwali. Il-Kummissjoni se żżid l-isforzi tagħha permezz tal-iskambji ta' apprendiment reċiproku u se ssegwi monitoraġġ mill-qrib fil-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u fil-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS).

Huwa essenzjali li jiġi żgurat l-appoġġ meħtieġ biex dawk li ma jistgħux jaħdmu jgħixu b'dinjità, jew strutturalment jew inkella minħabba li bħalissa qegħdin jiffaċċjaw ostakli speċifiċi⁽¹⁸⁾. Filwaqt li l-Istati Membri kollha għandhom skemi ta' introjtu minimu fis-seħħ, li jappoġġaw ukoll l-aċċess għas-servizzi u l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol, l-adeqwatezza u l-kopertura tal-appoġġ ivarjaw b'mod sinifikanti. Sfida prominenti f'dan ir-rigward hija wkoll il-livelli baxxi ta' użu tal-appoġġ, li jvarjaw minn 20 % għal 50 % fl-Istati Membri, li jimminaw b'mod qawwi l-effettività tal-politika pubblika. Fil-bidu tal-2027, il-Kummissjoni se tippubblika **Kompendju tal-aħjar prattiki biex jgħin fl-indirizzar tan-nuqqas ta' użu tal-appoġġ għall-introjtu**. Dan se jkopri l-ixprunaturi differenti tan-nuqqas ta' użu, inkluż in-nuqqas ta' informazzjoni u l-komplessità amministrattiva, u se jservi bħala bażi għal kooperazzjoni aktar strutturata dwar dan is-suġġett fil-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali⁽¹⁹⁾ u l-grupp ta' ħidma tiegħu dwar l-Introjtu Minimiu (MINET) ⁽²⁰⁾.

Il-ġlieda kontra l-faqar fix-xjuħija u l-prevenzjoni tiegħu

⁽¹⁵⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2019/C 387/01 tat-8 ta' Novembru 2019 [dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom](#).

⁽¹⁶⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2025) 944 final tal-4 ta' Diċembru 2025 [dwar il-Pjan Direzzjonali għall-Impjiegi ta' Kwalità](#).

⁽¹⁷⁾ Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 [dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea](#).

⁽¹⁸⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2023/C 41/01 tat-30 ta' Jannar 2023 [dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva](#).

⁽¹⁹⁾ [Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali - Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni](#).

⁽²⁰⁾ [Grupp ta' ħidma tan-Network tal-Introjtu Minimiu \(MINET\) - Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni](#).

Fl-2025, madwar persuna waħda minn kull ħamsa fl-età ta' 65 sena jew akbar kienet fir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali fl-UE (18,8 %). Ir-rata hija ħafna ogħla għan-nisa (21,2 %) meta mqabbla mal-irġiel (15,8 %). Din l-inugwaljanza bejn il-ġeneri spiss tkun marbuta ma' pensjonijiet aktar baxxi għan-nisa, bħala medja, li jirriżultaw minn lakuni fl-impjiegi u fil-pagi kif ukoll minn lakuni fil-karriera għal raġunijiet ta' kura akkumulati matul il-ħajja tax-xogħol. Iż-żieda fl-inċidenza tal-ħtiġijiet ta' diżabilità u ta' kura fit-tul fix-xjuħija tirriżulta wkoll f'impatt addizzjonali fuq il-faqar fix-xjuħija. Barra minn hekk, ix-xjuħija tista' ġġib magħha wkoll sfidi marbutin ma' żieda fil-ħtiġijiet ta' kura tas-saħħa u kura fit-tul, riskju akbar ta' iżolament soċjali u solitudni, li jistgħu jiġu aggravati ulterjorment minħabba l-esklużjoni diġitali.

L-indirizzar u l-prevenzjoni tal-faqar u l-esklużjoni soċjali fix-xjuħija jeħtieġu azzjoni koordinata bejn l-adeqwatezza tal-pensjoni, il-parteciġazzjoni fis-suq tax-xogħol, u l-protezzjoni soċjali kif ukoll aċċess effettiv għal servizzi ta' kura ta' kwalità għolja u interventi mmirati ta' inklużjoni soċjali. Inċentivi u faċilitaturi mmirati biex jippermettu ħajja tax-xogħol itwal fejn xieraq, pensjonijiet adegwati, benefiċċji marbuta mal-età⁽²¹⁾ u tfaddil tal-pensjoni supplimentari, li jappoġġaw il-kapaċità tas-sistemi tal-pensjoni, jipprevjenu milli l-persuni jaqgħu fil-faqar fix-xjuħija. F'dan is-sens, it-titjib tal-litteriżmu dwar il-pensjonijiet u t-trasparenza fil-pensjonijiet ukoll għandhom rwol x'jaqdu biex itejbu l-introjtu waqt l-irtirar⁽²²⁾. Il-Kummissjoni tappella biex tinbena sistema tal-pensjonijiet b'diversi pilastri tul iż-żmien, li għandha l-għan li tiżgura introjtu adegwat fix-xjuħija.

Fl-2027, il-Kummissjoni u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali se jippubblikaw **Rapport Konġunt dwar il-Protezzjoni Soċjali Adegwata fix-Xjuħija**, li jidentifika l-lakuni fl-adeqwatezza tal-pensjonijiet u fil-kopertura tal-kura fit-tul fl-Istati Membri, u **Rapport tal-Esperti li jimmapja u jirrieżamina l-mekkaniżmi nazzjonali biex jiproteġi lill-persuni akbar fl-età kontra l-faqar**. It-tnejn se jappoġġaw lil dawk li jfasslu l-politika biex iwettqu riformi ħalli jsaħħu s-sistemi tal-pensjonijiet, jiżguraw l-adeqwatezza fit-tul tagħhom u jindirizzaw il-faqar fix-xjuħija. Filwaqt li tibbaża fuqhom, il-Kummissjoni se twettaq **Skambju ta' livell għoli dwar politiki integrati għal xjuħija dinjituża** mal-Istati Membri, mas-sħab soċjali, mal-partijiet ikkonċernati u mal-esperti.

L-evitar tat-trażmissjoni tal-faqar fil-ħajja fost il-gruppi ta' età

Kull sena, madwar terz tal-persuni “fir-riskju ta' faqar” joħorġu mill-faqar u jiġu sostitwiti minn koorti ġodda⁽²³⁾. Dawn it-tranżizzjonijiet lejn il-faqar u barra minnu normalment jiġu skattati minn bidliet fl-impjieg u fl-introjtu (bħat-tluq minn impjieg jew il-bidu ta' impjieg ġdid, jew iż-żieda jew it-tnaqqis tas-siġħat tax-xogħol), iżda wkoll minn bidliet fil-kompożizzjoni tal-unitajiet domestiċi (bħal pereżempju t-twelid ta' wild jew każ ta' separazzjoni) u l-impatt usa' tal-kriżijiet.

⁽²¹⁾ Mekkaniżmi bħal pensjonijiet minimi u benefiċċji marbuta mal-età, pensjonijiet tas-superstiti, benefiċċji kontra d-diżabilitajiet, skemi ta' qsim tal-pensjoni u krediti tal-pensjoni għal perjodi ta' kura.

⁽²²⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 124 final tad-19 ta' Marzu 2025 dwar [l-istrateġija tal-Unjoni tat-tfaddil u tal-investimenti](#), il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 839 final tal-20 ta' Novembru 2025 dwar [it-tiħiħ tal-kapaċità tas-settur tal-pensjonijiet supplimentari tal-UE biex jiġiebi l-introjtu wara l-irtirar u għall-forniment fuq terminu twil ta' kapital għall-ekonomija tal-UE](#), u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2025/2384 tas-27 ta' Novembru 2025 [dwar is-sistemi ta' trekkjar tal-pensjonijiet, id-dashboards tal-pensjonijiet u l-awto-reġistrazzjoni](#).

⁽²³⁾ Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Il-Faqar fl-UE – xejriet u politiki ewlenin, SWD (2026) 770.

It-tranżizzjonijiet bejn l-istadji tal-ħajja, mit-tfulija saż-żgħożija, miż-żgħożija sal-età tax-xogħol u mill-età tax-xogħol sal-irtirar, huma mumentali kritiċi meta jista' jimmaterjalizza r-riskju li persuna tispiċċa f'sitwazzjonijiet prekarji. Pereżempju, iż-żgħażaġh li jtitilqu mid-dar tal-familja spiss jiffaċċjaw stadji importanti tal-ħajja bħad-dħul fis-suq tax-xogħol, spiss permezz ta' impjiegi prekarji jew meta jibdew familja filwaqt li jsibuha diffiċli biex jaċċessaw akkomodazzjoni affordabbli. Dan huwa partikolarment akut għal dawk li jtitilqu mill-kura alternattiva (istituzzjonali jew residenzjali), dawk li huma f'riskju akbar li jispiċċaw fil-faqar jew saħansitra fil-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar⁽²⁴⁾. Bl-istess mod, it-tranżizzjoni mill-età tax-xogħol għall-irtirar tista' tkun akkompanjata minn żieda fir-riskju ta' faqar, jekk persuna ma tkunx imħejjija tajjeb għal dan. Il-promozzjoni ta' ħajja tax-xogħol itwal għal dawk li jistgħu u li jixtiequ jkomplu jaħdmu, u l-appoġġ għal tixjiħ attiv u f'saħħtu huma essenzjali biex jiġi pprevenut il-faqar fix-xjuħija. Dan għandu jkun akkompanjat minn politiki li jippromwovu inċentivi pożittivi u flessibilità akbar fil-perkorsi tal-irtirar, li jirriflettu wkoll id-diversità tal-karrieri tax-xogħol u jstimulaw l-inklużjoni bikrija f'pensjonijiet supplimentari.

B'mod aktar ġenerali, jeħtieġ li l-politiki kollha jitfasslu biex jipprevjenu l-akkumulazzjoni ta' żvantaġġi matul il-ħajja. Dan huwa r-raġunament wara l-Istrateġija dwar l-Ekwità Interġenerazzjonali⁽²⁵⁾ u l-Pjan Direzzjonali għal-Lonġevità li jmiss, li se jidentifika kwistjonijiet ta' politika speċifiċi għall-età għall-gruppi kollha ta' età biex jiġu identifikati opportunitajiet strateġiċi għat-tfassil attiv ta' ħajjiet itwal u aktar f'saħħithom u sigurtà finanzjarja.

2. MIŻURI BIEX JIĠU INDIRIZZATI L-ISFIDI ORIZZONTALI LI JAGGRAVAW IL-FAQAR

Bil-ħsieb li jkompli jiġi pprevenut u indirizzat il-faqar, huwa essenzjali li jiġu indirizzati l-isfidi orizzontali, li jista' jkollhom impatt fuq il-ġenerazzjonijiet kollha fl-istess ħin. Dan jinkludi d-diskriminazzjoni u l-istigma, id-diffikultajiet biex persuna taffordja l-ħtiġijiet bażiċi, bħall-ikel, l-enerġija, akkomodazzjoni u oġġetti bażiċi oħra u n-nuqqas ta' aċċess għal servizzi ta' kwalità.

Ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-istigma

Il-preġudizzju u l-istigma jistgħu jqiegħdu lil gruppi speċifiċi tal-popolazzjoni fi żvantaġġ mill-bidu nett, filwaqt li n-nisa u xi gruppi tal-popolazzjoni huma aktar esposti għall-faqar u għall-esklużjoni soċjali. In-nisa huma aktar probabbli li jiffaċċjaw il-faqar, inkluż minħabba esponiment għal inqas opportunitajiet ta' xogħol u rati ta' impjiegi aktar baxxi, pawżi matul il-karriera u xogħol tal-kura mhux imħallas⁽²⁶⁾. Il-preġudizzju u l-istigma jaffettwaw ukoll lill-persuni b'diżabilità (29 % fir-riskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali), lill-persuni mwielda barra mill-UE (39 %), lill-persuni bi sfond

⁽²⁴⁾ Skont il-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal ([UNICEF](#)), fl-UE, mijiet ta' eluf ta' tfal jgħixu f'istituzzjonijiet residenzjali, b'rappreżentazzjoni żejda ta' tfal b'diżabilità. L-impatt tal-istituzzjonalizzazzjoni huwa estrem u jista' jdum tul il-ħajja kollha.

⁽²⁵⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2026) 110 final tal-5 ta' Marzu 2026 [dwar l-istrateġija dwar l-ekwità interġenerazzjonali](#).

⁽²⁶⁾ L-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2026-2030 tisħaq li l-Kummissjoni se tesplora modi kif tindirizza l-eżiti tas-suq tax-xogħol u karatteristiċi rilevanti tas-sistema tal-pensjonijiet li jixprunaw id-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet, u se timmappja u tappoġġa l-iskambju tal-aħjar Prattiki fl-indirizzar tad-differenza.

razzjali jew etniku ta' minoranza, b'mod partikolari r-Rom (70 % huma fir-riskju ta' faqar) u lill-persuni LGBTIQ+ (38 % jsibuha diffiċli immens biex ilaħħqu mal-ħajja).

Dawn il-fatturi kollha jistgħu jillimitaw l-aċċess għall-impjegi, l-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni, is-servizzi relatati mal-kura u servizzi oħra, filwaqt li jimminaw ukoll il-fiduċja soċjali, is-sikurezza personali u l-parteċipazzjoni fis-soċjetà. Il-Kummissjoni fasslet strateġiji li għandhom l-għan li jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u li jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni kontra l-persuni b'diżabilità, il-persuni affettwati mir-razziżmu, ir-Rom u l-persuni LGBTIQ+, fil-kuntest tal-Unjoni tal-Ugwaljanza⁽²⁷⁾. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-Istati Membri u ma' partijiet ikkonċernati oħra biex tiżviluppa miżuri kontra l-faqar immirati lejn gruppi speċifiċi. B'mod partikolari, il-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom jappella biex jitnaqqas l-ispariġġ tal-faqar bejn ir-Rom u l-popolazzjoni ġenerali b'mill-inqas in-nofs sal-2030.

Minbarra l-gruppi elenkati hawn fuq, il-persuni li jesperjenzaw il-faqar huma wkoll ta' spiss stigmatizzati jew iddiskriminati minħabba l-isfond soċjoekonomiku tagħhom⁽²⁸⁾. Sabiex tinforma ħidma ulterjuri, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) se tipproduċi analiżi legali komparattiva dwar l-istatus soċjoekonomiku bħala raġuni ta' diskriminazzjoni fl-oqfsa legali u regolatorji tal-Istati Membri tal-UE u tipprovdi data dwar l-impatt sinifikanti tal-faqar u tal-iżvantaġġi soċjoekonomiċi fuq id-diskriminazzjoni.

L-iffaċilitar tal-kopertura tal-ħtiġijiet bażiċi f'kuntest ta' żieda fl-għoli tal-ħajja

Fl-UE, il-persjonijiet dejjem jiżiedu tal-għoli tal-ħajja qegħdin ipogħu lil aktar nies fil-faqar, u b'hekk iżidu t-tbatija għal dawk li diġà qegħdin ibatu u jżidu l-prekarjetà finanzjarja għall-unitajiet domestiċi b'introjtu medju. L-għoli tal-ħajja huwa wieħed mit-tħassib ewlieni tan-nies fl-UE, bi 88 % inkwetati dwar l-għoli tal-ħajja ta' kuljum u dwar l-impatt tiegħu għall-futur tal-unità domestika tagħhom⁽²⁹⁾. Dan huwa tħassib gravi għall-persuni li diġà qegħdin jesperjenzaw il-faqar illum, filwaqt li jimbotta lil dawk tal-klassi medja għar-riskju li jesperjenzaw prekarjetà u tbatija. L-affordabbiltà tal-ikel tajjeb għas-saħħa u sostenibbli hija waħda mill-affarijiet ta' tħassib importanti, li għandha tiġi mmonitorjata u indirizzata⁽³⁰⁾. Biż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel, grupp li dejjem qed jikber

⁽²⁷⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2026) 113 final tal-5 ta' Marzu 2026 [dwar l-istrateġija dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri 2026-2030](#), il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2021) 101 final tat-3 ta' Marzu 2021 [dwar l-istrateġija dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità 2021-2030](#), u l-Komunikazzjoni dwar "It-Tsihijiet tal-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità sal-2030", il-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni 2020-2030, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2026) 12 final tal-20 ta' Jannar 2026 [dwar l-istrateġija tal-UE kontra r-razziżmu 2026-2030](#), il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2025) 725 final tat-8 ta' Ottubru 2025 [dwar l-istrateġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ għall-2026-2030](#), il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2021) 142 final tal-24 ta' Marzu 2021 [dwar l-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal](#).

⁽²⁸⁾ An analysis of the introduction of socio-economic status as a discrimination ground, Tomas Kadar, Equality and Rights Alliance.

⁽²⁹⁾ [L-Ewrobarometru tal-2025 "Investing in Fairness"](#).

⁽³⁰⁾ Il-Kummissjoni timmonitorja d-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-ikel fl-UE permezz tal-Osservatorju tal-Katina Agroalimentari u se tippromwovi l-iskambju ta' prattiki tajbin fir-rigward tal-faqar tal-ikel u l-aċċess għal dieta tajba għas-saħħa fl-Istati Membri. Il-Politika Agrikola Komuni għandha rwol ċentrali fis-salvagwardja tad-disponibbiltà tal-ikel fl-UE, u tikkontribwixxi għal ikel tajjeb għas-saħħa u sostenibbli.

ta' persuni jiddependi fuq l-appoġġ mill-awtoritajiet jew mill-organizzazzjonijiet biex jaċċessa l-ikel jew fuq l-appoġġ tal-banek tal-ikel ⁽³¹⁾.

Il-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku u l-faqar tat-trasport għandha tibqa' prijorità fil-kuntest tat-taqlib ġeopolitiku attwali, hekk kif iż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u tat-trasport iħallu impatt saħansitra aktar sinifikanti fuq unitajiet domestiċi vulnerabbli li jonfqu sehem oġġla tal-introjtu fuq l-enerġija. Kif imħabbar fil-Komunikazzjoni AccelerateEU adottata f'April 2026, il-Kummissjoni se tikkoordina l-isforzi biex tiproteġi liċ-ċittadini, u speċjalment lill-konsumaturi vulnerabbli, kontra xokkijiet fil-prezzijiet tal-enerġija inkluż permezz ta' miżuri ta' emerġenza, protezzjoni kontra l-iskonnessjonijiet, skemi ta' leasing soċjali u miżuri oħra biex jiġu aċċellerati l-iffrankar enerġetiku u l-użu tal-enerġija nadifa. Il-Kummissjoni se żżid ukoll l-isforzi tagħha kontra l-faqar enerġetiku billi se taġġorna r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-2023 dwar il-faqar enerġetiku aktar tard fl-2026 ⁽³²⁾. Għal unitajiet domestiċi b'introjtu aktar baxx, ekonomija aktar ċirkolari tista' tnaqqas il-perssonijiet tal-għoli tal-ħajja billi testendi t-tul tal-ħajja u r-riparabbiltà tal-prodotti u tespandi l-aċċess għal swieq tal-oġġetti użati affordabbli u għal servizzi ta' tiswija⁽³³⁾.

Fil-kuntest taż-żieda fl-għoli tal-ħajja, huwa kruċjali li jiġu aċċellerati l-isforzi biex jittejbu l-protezzjoni tal-konsumatur, il-litteriżmu finanzjarju u l-aċċess għas-servizzi finanzjarji. Il-konsumaturi, u b'mod partikolari l-konsumaturi vulnerabbli, għandhom jiġu protetti wkoll fid-dinja diġitali. L-Att dwar l-Ekwità Diġitali li ġej se jikkontribwixxi sostanzjalment biex tiġi żgurata din il-protezzjoni. Il-litteriżmu finanzjarju għandu rwol importanti x'jaqdi, sa minn età bikrija, peress li jista' jappoġġa l-kapaċità tal-persuni li jifhemu kunċetti bażiċi u b'hekk ikunu jistgħu jikkonsmaw, ifaddlu u jinvestu b'mod aktar infurmat tul ħajjithom kollha⁽³⁴⁾. Il-litteriżmu finanzjarju jista' jgħin ukoll biex jiġi evitat dejn eċċessiv, li jista' jiddeterjora minħabba ż-żieda fil-kostijiet tad-dejn, nuqqasijiet fl-introjtu, żieda fl-għoli tal-ħajja u żieda fid-dipendenza fuq il-kreditu⁽³⁵⁾. Huwa essenzjali wkoll li jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-servizzi finanzjarji billi jiġi żgurat li

⁽³¹⁾ L-UE tappoġġa l-aċċess għal assistenza materjali bażika u għall-ikel b'mod partikolari (FSE+).

⁽³²⁾ Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tkompli timplimenta l-Pakkett dwar l-Enerġija taċ-Ċittadini adottat f'Marzu 2026, li jinkludi sforzi futuri biex tissaħħaħ il-protezzjoni kontra l-iskonnessjonijiet u biex jiġi ġestit iċ-Ċentru ta' Konsulenza Ewropew għall-Faqar Enerġetiku. Bir-[Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Faqar fit-Trasport tal-2025](#) u ċ-Ċentru għall-Faqar tat-Trasport, il-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri fl-indirizzar tal-faqar tat-trasport. Dan huwa wkoll objettiv tal-Fond Soċjali għall-Klima.

⁽³³⁾ L-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari li għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni fl-2026 se jindirizza l-konġestjonijiet li jxekklu t-tranżizzjoni ċirkolari f'diversi ktajjen tal-valur ewlenin, bħat-tessuti, il-konstruzzjoni u l-plastik.

⁽³⁴⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2025) 681 final tat-30 ta' Settembru 2025 [dwar strateġija ta' litteriżmu finanzjarju tal-UE](#).

⁽³⁵⁾ Id-Direttiva tal-UE 2023/2225 tat-18 ta' Ottubru 2023 [dwar ftehimiet ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva 2008/48/KE](#) u d-Direttiva tal-UE 2014/17/UE tal-4 ta' Frar 2014 [dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttiva 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament \(UE\) Nru 1093/2010](#).

l-konsumaturi kollha jkollhom id-dritt li jifflu u li jużaw kont ta' pagament b'karatteristiċi bażiċi fi kwalunkwe post fl-UE ⁽³⁶⁾ kif ukoll li jittejjeb l-aċċess għall-flus kontanti ⁽³⁷⁾.

Il-prezzijiet tal-akkomodazzjoni huma sfida partikolari għal dawk li qegħdin jesperjenzaw il-faqar jew li jinsabu fir-riskju ta' faqar. L-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli, sostenibbli u ta' kwalità huwa prerekwiżit vitali għall-integrazzjoni fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol⁽³⁸⁾. Filwaqt li l-persuni li qegħdin jiffaċċjaw diffikultajiet fl-akkomodazzjoni huma aktar probabbli li jispiċċaw f'sitwazzjoni ta' faqar, 31,1 % tal-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx iġarrbu piżijiet eċċessivi tal-kostijiet tal-akkomodazzjoni, u madwar 5 % tal-persuni li għandhom 16-il sena u aktar jirrapportaw li esperjenzaw diffikultajiet ta' akkomodazzjoni f'xi stadju f'ħajjithom ⁽³⁹⁾. Madwar miljun persuna fl-UE tesperjenza l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, l-aktar forma estrema ta' faqar u esklużjoni soċjali⁽⁴⁰⁾. **Flimkien ma' din l-Istrateġija, il-Kummissjoni tressaq proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-esklużjoni mill-akkomodazzjoni**, li għandha l-għan li tiffaċilita t-tfassil u l-implimentazzjoni ta' oqfsa strateġiċi nazzjonali bbażati fuq politiki ċċentrati fuq il-persuna, ibbażati fuq l-akkomodazzjoni u integrati biex jappoġġaw lin-nies f'sitwazzjonijiet ta' akkomodazzjoni prekarja u biex jipprevjenu u jindirizzaw il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar.

L-iżgurar tal-aċċess għas-servizzi għal dawk fil-bżonn

Is-servizzi soċjali għandhom rwol importanti x'jaqdu fl-għoti tal-benesseri u l-appoġġ bażiċi meħtieġa lil dawk li diġà jkunu qegħdin jesperjenzaw il-faqar u biex jipprevjenu li oħrajn jispiċċaw f'sitwazzjoni ta' faqar. Is-servizzi tal-inklużjoni soċjali, bħax-xogħol soċjali, il-konsulenza, l-appoġġ psikoloġiku u r-riabilitazzjoni, huma partikolarment importanti. Is-servizzi tal-inklużjoni soċjali huma wkoll strumentali biex

⁽³⁶⁾ Id-Direttiva tal-UE 2023/2225 tat-18 ta' Ottubru 2023 [dwar fehimiet ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva 2008/48/KE](#) u d-Direttiva tal-UE 2014/92 tat-23 ta' Lulju 2014 [dwar il-komparabbiltà tat-tariffi relatati mal-kontijiet tal-ħlas, il-bdil tal-kontijiet tal-ħlas u l-aċċess għal kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi](#).

⁽³⁷⁾ Il-proposta tal-Kummissjoni COM(2023) 366 final tat-28 ta' Ġunju 2023 [dwar servizzi ta' pagament u servizzi ta' flus elettroniċi fis-Suq Intern li temenda d-Direttiva 98/26/KE u li tħassar id-Direttivi 2015/2366/UE u 2009/110/KE](#), il-proposta tal-Kummissjoni COM(2023) 366 final [dwar servizzi ta' pagament u servizzi ta' flus elettroniċi fis-Suq Intern li temenda d-Direttiva 98/26/KE u li tħassar id-Direttivi 2015/2366/UE u 2009/110/KE](#) u l-proposta tal-Kummissjoni COM(2023) 364 final għal Regolament [dwar il-valuta legali tal-karti tal-flus u tal-muniti tal-euro](#).

⁽³⁸⁾ Il-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli tal-2025 jappoġġa lill-Istati Membri, lir-reġjuni u lill-bliet fl-indirizzar tal-kriżi tal-akkomodazzjoni. Dan jitlob fokus speċifiku biex jiġu appoġġati l-aktar persuni affettwati, b'mod partikolari ż-żgħażaġh u dawk f'kundizzjoni ta' persuni mingħajr. F'din il-perspettiva, il-Pjattaforma ta' Investiment Pan-Ewropea għal akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli u l-Alleanza Ewropea għall-Akkomodazzjoni għandhom l-għan li jipprovdu qafas transsettorjali u multigovernattiv għall-iżvilupp tal-kooperazzjoni u għall-ingranaġġ ta' finanzjament addizzjonali għal akkomodazzjoni soċjali u affordabbli, inkluż għall-benefiċċju ta' dawk l-aktar vulnerabbli. Il-Bahaus Ewropea l-Ġdida tappoġġa akkomodazzjoni affordabbli, sostenibbli u ta' kwalità billi żżid il-finanzjament u tiżviluppa u tirreplika soluzzjonijiet ġodda għal viċinati aktar inklużivi, ġusti u aċċessibbli kif ukoll soluzzjonijiet xprunati mill-komunità għal akkomodazzjoni affordabbli.

⁽³⁹⁾ Id-diffikultajiet ta' akkomodazzjoni huma definiti bħala sitwazzjonijiet fejn persuna ma kellha l-ebda post tagħha stess (jew kienet sid tiegħu jew kienet tikrih) u kienet sfurzata toqgħod mal-ħbieb jew mal-familja, tuża akkomodazzjoni ta' emerġenza jew temporanja, tgħix f'post mhux maħsub bħala dar permanenti jew torqod fi spazju pubbliku.

⁽⁴⁰⁾ Id-Dikjarazzjoni ta' Liżbona tal-2021 [dwar il-Pjattaforma Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Kundizzjoni ta' Persuni Mingħajr Dar](#) tistabbilixxi azzjonijiet kollettivi favur ħidma lejn l-ambizzjonijiet biex tintemm il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar sal-2030.

jigwidaw lill-utenti lejn is-servizzi li jeħtieġu (bħall-edukazzjoni u t-taħriġ, il-kura, is-servizzi tas-saħħa) u jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għall-hekk imsejħa servizzi essenzjali (l-enerġija, it-trasport, il-komunikazzjonijiet diġitali, l-ilma u s-sanitazzjoni u servizzi finanzjarji) billi jinfurmawhom bl-iskemi rilevanti fil-postijiet (eż. il-benefiċċji tal-enerġija). Biex l-isforzi tagħhom ikunu effettivi, dan jirrikjedi t-tiħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet, inkluż f'termini ta' infrastruttura diġitali. Barra minn hekk, sfida partikolari hija li tiġi żgurata d-disponibbiltà tas-servizzi fit-territorju, inkluż fir-reġjuni rurali u ultraperiferiċi. Il-medji nazzjonali jaħbu disparitajiet territorjali sinifikanti b'żoni lokalizzati ta' faqar li jaffettwaw kemm iż-żoni urbani kif ukoll lil dawk rurali. Wieħed mill-oġettivi tal-Istrateġija li jmiss dwar id-“dritt li wieħed jibqa' fit-territorju”, li għandu l-għan li jappoġġa l-attrazzjoni tat-territorji, se jkun li jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-servizzi fl-UE kollha.

It-titjib tal-aċċess għas-servizzi jfisser kwalità, disponibbiltà, aċċessibbiltà u affordabbiltà aħjar. Il-Kummissjoni se taħdem mal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali biex taġġorna l-Qafas Ewropew Volontarju tal-2010 għall-Kwalità għas-Servizzi Soċjali, li jiffoka fuq it-titjib tal-għoti ta' servizzi (jipprovdni linji gwida dwar kif jiġu stabbiliti, immonitorjati u evalwati l-istandards tal-kwalità għas-servizzi soċjali). Dan se jindirizza wkoll il-kumplessità amministrattiva, l-istigma, l-esklużjoni diġitali u l-ostakli proċedurali. Il-Kummissjoni se taġġorna wkoll ir-Rapport tal-Kummissjoni tal-2023 dwar l-Aċċess għal Servizzi Essenzjali.

L-ostakli għall-aċċess għal servizzi jistgħu jżidu u japprofondixxu l-faqar, b'mod partikolari meta dawk fi bżonn akut ma jkunux jistgħu jiksbu appoġġ rapidu u effettiv fi żminijiet ta' bżonn. Hemm bżonn ta' kopertura mtejba, integrazzjoni u kooperazzjoni aħjar fost is-servizzi u allinjament aktar b'saħħtu bejn l-appoġġ disponibbli u l-ħtiġijiet reali ta' dawk li dawn huma maħsubin biex jilhqqu. **Fl-2027, il-Kummissjoni se tressaq proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, biex tappoġġa aċċess aktar faċli u integrat għas-servizzi.** Din se tiħaq fuq ir-rwol tas-servizzi tal-inklużjoni soċjali, tappoġġa punt ta' aċċess uniku fit-territorju kollu u tiffaċilita l-għoti ta' appoġġ integrat. Se jkollha l-għan li ssaħħaħ is-sensibilizzazzjoni u l-prossimità tagħhom għar-riċevituri u d-dipendenza fuq valutazzjoni rapida tal-ħtiġijiet tal-utent segwita minn pjan ta' appoġġ integrat. Se tappoġġa wkoll Prattiki ta' appoġġ bejn il-pari fost il-persuni li jesperjenzaw il-faqar, filwaqt li tirrikonoxxi l-esperjenza u l-għarfien tagħhom fl-iffaċilitar tal-aċċess għas-servizzi.

L-edukazzjoni u t-taħriġ, matul iċ-ċiklu tal-ħajja, għandhom rwol ewlieni fil-ġlieda u fil-prevenzjoni tal-faqar. L-aċċess għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità jista' jgħin biex il-persuni jinħarġu mill-faqar jew mill-esklużjoni soċjali, billi jagħtihom il-ħiliet meħtieġa biex isibu impjeg ta' kwalità u jipparteċipaw b'mod attiv fis-soċjetà. L-edukazzjoni tista' tkisser iċ-ċiklu ta' żvantaġġ fl-istadji kollha tal-ħajja, mit-tfulija bikrija sal-apprendiment tal-adulti u t-taħriġ mill-ġdid vokazzjonali. Madankollu, l-isfond soċjoekonomiku tal-istudenti jibqa' l-aktar xprunatur persistenti tal-inugwaljanza edukattiva fl-Ewropa. Nuqqas ta' finanzjament sistemiku f'żoni żvantaġġati iwassal għal nuqqasijiet ta' għalliema, żieda fid-dawran tal-impjegati u inqas edukaturi b'esperjenza, u dan jirriżulta f'appoġġ inqas individwalizzat — preċiżament il-kundizzjonijiet l-inqas adatti għal tfal żvantaġġati li ma jistgħux jużaw riżorsi kumpensatorji fid-dar. Aktar tard fl-2026, il-Kummissjoni se tadotta **Pakkett dwar l-Edukazzjoni, li se jinkludi Skema ta' Appoġġ għall-Ħiliet Bażiċi**, li tappoġġa interventi effettivi fil-livell tal-iskejjel biex tgħin lit-tfal u liż-żgħażaġħ kollha, inklużi dawk minn sfondi żvantaġġati, jiksbu livell adegwat ta' ħiliet bażiċi sa tmiem l-edukazzjoni obbligatorja u biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi fl-apprendiment

bikri. Il-kompetenzi u l-ħiliet diġitali saru essenzjali għall-parteċipazzjoni fis-soċjetà, għat-teħid ta' vantaġġ mis-servizzi pubbliċi diġitali u għall-aċċess tas-suq tax-xogħol. **Il-Kummissjoni se tkompli bl-isforzi tagħha li sal-2030, 80 % taċ-ċittadini Ewropej se jkollhom mill-inqas livell bażiku ta' ħiliet diġitali**, li hija kundizzjoni essenzjali kemm għall-impjegi attwali kif ukoll għal dawk futuri.

Fil-kuntest tax-xejriet demografiċi, għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-aċċess għas-servizzi tal-kura fit-tul minn dawk l-aktar vulnerabbli. Dan huwa l-każ b'mod partikolari fiż-żoni rurali, li jiffaċċjaw sfidi akbar bit-tixjiħ tal-popolazzjoni. It-titjib tal-aċċess għal kura inklużiva, affordabbli u ta' kwalità fit-tul jista' jkollu impatt pożittiv fuq ir-riċevituri tal-kura, iżda d-dimensjoni tal-faqar tiegħu testendi wkoll fuq persuni li jindokraw b'mod informali — l-aktar in-nisa. Ir-responsabbiltajiet ta' kura spiss jirrestrinġu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, inaqqsu d-dovuti tal-pensjoni u jillimitaw is-sigurtà tal-introjtu. L-UE stabbiliet strumenti ddedikati biex tappoġġa l-aċċess għal kura affordabbli ta' kwalità għolja fit-tul⁽⁴¹⁾. Fl-2027, il-Kummissjoni se tressaq **Patt Ewropew għall-Kura**, li se jiggwida r-riformi u l-investimenti għal servizzi ta' kura affordabbli u ta' kwalità għolja matul il-ħajja, b'attenzjoni speċifika għal persuni fir-riskju ta' faqar, filwaqt li jindirizza l-kawżi strutturali tan-nuqqas ta' forza tax-xogħol — l-attraenza u l-kwalità tal-impjegi fis-settur tal-kura.

Eventi ta' temp estrem minħabba t-tibdil fil-klima jfixklu s-servizzi essenzjali, jagħmlu ħsara fl-infrastruttura u jistgħu jkomplu jimbuttaw lill-gruppi soċjali vulnerabbli fil-faqar u fl-esklużjoni soċjali. Huwa kruċjali li tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-soċjetà fid-dawl tal-impatti klimatiċi, li għandhom impatt sproporzjonat fuq unitajiet domestiċi vulnerabbli. Il-qafas integrat Ewropew għar-reżiljenza għall-klima li jmiss se jkun opportunità biex dawn jiġu indirizzati. B'mod aktar ġenerali fir-rigward tal-**preparatezza**, l-esperjenzi minn kriżijiet reċenti juru l-ħtieġa li jintlaħqu u jiġu mmirati l-popolazzjonijiet żvantaġġati u dawk li jesperjenzaw id-diskriminazzjoni, il-faqar u l-esklużjoni soċjali, bil-għan li tittejjeb il-komunikazzjoni u tiġi pprevenuta d-diżinformazzjoni.

3. IT-TISĦIĦ TAL-GOVERNANZA U L-FINANZJAMENT U T-TITJIB TAL-MONITORAĠĠ BIEX JITNAQQAS U JIĠI PPREVENUT IL-FAQAR

Governanza

L-indirizzar u l-prevenzjoni tal-faqar huma responsabbiltà kollettiva sinifikanti. Li tittieħed azzjoni flimkien u fil-livelli kollha hija l-uniku mod kif jinkiseb suċċess biex l-UE titqiegħed fit-triq lejn il-qerda tal-faqar sal-2050. L-awtoritajiet pubbliċi u l-atturi privati, kif ukoll is-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kollha huma msejja biex jagħtu sehemhom.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ oqfsa ta' politika kontra l-faqar, fil-livelli nazzjonali, reġjonali jew lokali, kif rilevanti. Iż-żieda fil-faqar hija sfida fl-Istati Membri kollha. Bħalissa, 22 Stat Membru biss għandhom strateġiji nazzjonali kontra l-faqar jew oqfsa strateġiċi simili, u l-awtoritajiet reġjonali u lokali jaqdu rwol ċentrali fil-governanza u fl-implimentazzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri kollha jressqu strateġiji koerenti u aktar effiċjenti għall-ġlieda

⁽⁴¹⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2022) 440 final tas-7 ta' Settembru 2022 [dwar l-Istrateġija Ewropea għall-Kura](#) u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2022/C 476/01 tat-8 ta' Diċembru 2022 [dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli ta' kwalità għolja](#).

kontra l-faqar, u hija lesta li tappoġġa lill-Istati Membri biex jirnexxielhom jiksbu tnaqqis u jaslu għall-prevenzjoni tal-faqar. **Jeħtieġ li investimenti u riformi ġodda jkunu reżistenti għall-faqar.** Il-Kummissjoni tappoġġa l-użu ta' valutazzjonijiet tal-impatt distributtivi ⁽⁴²⁾ fl-Istati Membri u se ttipprova direzzjonijiet addizzjonali dwar l-użu ta' dawn il-valutazzjonijiet fl-oqfsa baġitarji nazzjonali tagħhom, fejn ikun fattibbli.

Flimkien ma' din l-Istrateġija, il-Kummissjoni tressaq **dokument ta' gwida biex tgħin lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jippjanaw u jtejbu l-istrateġiji u l-oqfsa tagħhom kontra l-faqar** ⁽⁴³⁾. Il-**Prinċipji għal politiki effettivi kontra l-faqar** jirriflettu n-natura multidimensjonali tal-faqar fit-tfassil ta' strateġiji għall-ġlieda u għall-prevenzjoni tiegħu, bl-assoċjazzjoni tal-partijiet ikkonċernati u l-livelli ta' governanza kollha meħtieġa. Dawn jistgħu jintużaw bħala għodda strutturata ta' awtovalutazzjoni u ta' ppjanar fl-istadji kollha taċ-ċiklu ta' politika: mit-tnejn jew l-aġġornament tal-oqfsa kontra l-faqar għat-tfassil tar-riformi u l-investimenti u r-rieżami tal-implimentazzjoni. Is-servizzi tal-Kummissjoni se jappoġġaw l-użu tagħhom permezz ta' djalogu ta' politika u permezz ta' apprendiment reċiproku fl-Istati Membri.

Filwaqt li tirrifletti fuq il-faqar bħala sfida dejjem akbar u kumplessa li tirrikjedi reazzjonijiet koordinati li jinvolvu investimenti u miżuri leġiżlattivi, il-Kummissjoni tistieden lill-**Istati Membri jaħtru Koordinatur Kontra l-Faqar**, fl-oġġla livell politiku, biex jikkoordina l-iżvilupp ta' oqfsa ta' politika kontra l-faqar u biex jiżgura n-natura multidimensjonali tagħhom. Il-missjoni tagħhom tkun li jissorveljaw it-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-oqfsa, bl-involviment tal-ministeri u tal-awtoritajiet rilevanti kollha. Dawn se jappoġġaw ukoll l-implimentazzjoni tal-oqfsa mill-awtoritajiet reġjonali u lokali. Flimkien mal-Koordinatur nazzjonali Kontra l-Faqar, il-Kummissjoni se torganizza skambji regolari u effettivi tal-aħjar prattiki fil-ġlieda kontra l-faqar, billi tappoġġa l-apprendiment reċiproku u ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħhom u tappoġġa deċiżjonijiet ibbażati fuq l-evidenza.

Fil-qafas tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni se tkompli ttipprova gwida lill-Istati Membri u se tgħin fil-koordinazzjoni tal-politiki nazzjonali rilevanti. Permezz tal-integrazzjoni fis-Semestru tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali⁽⁴⁴⁾, il-governanza ekonomika tikkontribwixxi għar-reżiljenza soċjali. Is-Semestru jidentifika l-isfidi soċjali u l-lakuni fis-sistemi nazzjonali ta' protezzjoni soċjali, filwaqt li jirrakkomanda reazzjonijiet ta' politika xierqa. F'kull wieħed mill-aħħar żewġ ċikli tas-Semestru, aktar minn terz tal-Istati Membri rreċew Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż relatata mal-faqar. Huwa importanti li l-Istati Membri jħaffu l-implimentazzjoni tagħhom.

Minbarra mal-Istati Membri, il-Kummissjoni se tikkoopera ma' istituzzjonijiet u ma' organizzazzjonijiet oħra biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Istrateġija. B'mod partikolari, il-Kummissjoni se tkompli tinvolvi ruħha permezz ta' djalogu strukturat informali mal-Parlament Ewropew, b'mod partikolari mal-**Intergrupp dwar il-Ġlieda**

⁽⁴²⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2022) 494 final tat-28 ta' Settembru 2022 dwar valutazzjoni aħjar tal-impatt distributtiv tal-politiki tal-Istati Membri.

⁽⁴³⁾ Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Prinċipji għal politiki effettivi kontra l-faqar, li jappoġġaw lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali fil-ġlieda tagħhom kontra l-faqar, SWD(2026) 771.

⁽⁴⁴⁾ Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 [dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill \(KE\) Nru 1466/97.](#)

Kontra l-Faqar. Il-Kummissjoni se taqbel ukoll fuq **Pjan ta' Azzjoni Konġunt mal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni sa tmiem l-2026**, li jsaħħaħ il-kooperazzjoni f'oqsma prijoritarji ewlenin bħall-azzjonijiet li jiġġieldu l-faqar fil-livell lokali u reġjonali. Dawn se jikkollaboraw fit-tneġġija ta' "**Premju tal-UE għall-Inklużjoni Soċjali**"⁽⁴⁵⁾ għall-bliet u għall-muniċipalitajiet, biex jirrikonoxxu l-azzjonijiet innovattivi u effettivi implimentati fil-livell lokali u jrawmu apprendiment bejn il-pari billi jippermettu lill-bliet u lill-muniċipalitajiet jiskambjaw prattiki tajbin. Sa tmiem l-2026, il-Kummissjoni u l-**Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew** se jikkonkludu wkoll **ftehim ta' kooperazzjoni**, li jibbaża fuq il-qafas eżistenti għal appoġġ konsultattiv tal-esperti u se jikkondividu l-aħjar prattiki biex jindirizzaw il-faqar.

Filwaqt li tibbaża fuq l-esperjenzi pożittivi matul il-proċess ta' konsultazzjoni għall-Istrateġija, il-Kummissjoni se żżid il-**kooperazzjoni tagħha mal-persuni li jkunu qegħdin jesperjenzaw il-faqar**. Se tistabbilixxi forum apposta biex tikkonsultahom b'mod strutturat, regolarment, dwar id-disinn, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' inizjattivi li għandhom l-għan li jiġġieldu l-faqar jew l-esklużjoni soċjali, kif ukoll f'oqsma ta' politika oħrajn li jistgħu jaffettwaw lhom haġġithom. Il-Kummissjoni se tkompli wkoll tinvolvi ruħha mal-**organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili**⁽⁴⁶⁾ b'mod strutturat biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Istrateġija. B'mod parallel, id-**djalogu soċjali** se jkompli jkollu rwol ewlieni fis-sejba ta' soluzzjonijiet bilanċjati b'reazzjoni għall-bidliet fid-dinja tax-xogħol⁽⁴⁷⁾.

Finanzjament

Fid-dawl tal-ħtieġa urġenti ta' azzjoni, huwa essenzjali li jiġi żgurat appoġġ finanzjarju suffiċjenti għall-għieda kontra l-faqar. Biex jiżiedu l-miżuri kontra l-faqar, il-finanzjament pubbliku u privat jeħtieġ li jiġi mmobilizzat b'mod aktar effettiv kemm fil-livelli tal-UE kif ukoll f'dawk nazzjonali. Dan jinkludi kemm linvestimenti fit-tul, biex jittejjeb l-għoti ta' servizzi, kif ukoll miżuri rapidi ta' emerġenza biex jiġi pprevenut li l-persuni jispiċċaw fil-faqar u jitnaqqas it-tul tal-perjodi ta' faqar. F'dan ir-rigward, fuq terminu qasir, għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-finanzjament ta' servizzi li jgħinu fit-tranżizzjoni tat-tfal fil-bżonn lejn l-età adulta (li jingħaqdu flimkien il-Garanzija Ewropea għat-Tfal u l-Garanzija għaż-Żgħażaġġ) peress li jkissru t-trażmissjoni interġenerazzjonali tal-faqar. Dan se jinkludi t-tisħiħ tal-identifikazzjoni bikrija tat-tfal f'riskju, l-espansjoni tal-iskemi ta' mentoraġġ u gwida, is-sensibilizzazzjoni u miżuri oħra ta' appoġġ. Barra minn hekk, filwaqt li l-Istrateġija tenfasizza li l-impjiegi ta' kwalità huma l-aħjar mod kif wieħed joħroġ mill-faqar, l-iżgurar li dawk esklużi mis-suq tax-xogħol jiġu appoġġati jirrikjedi servizzi pubbliċi tal-impjiegi b'saħħithom u ffinanzjati tajjeb.

Bħalissa, l-Istati Membri qegħdin jagħmlu użu mill-EUR 139 biljun fil-qafas tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) (2021-2027)⁽⁴⁸⁾. Ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni ppermetta lill-Istati Membri jipprogrammaw mill-ġdid b'suċċess EUR 34,6 biljun fil-fondi tal-politika ta' koeżjoni tagħhom tal-2021-2027 lejn l-aktar prijoritajiet strateġiċi urġenti tal-UE. Dan irriżulta wkoll f'adozzjoni pożittiva tar-

⁽⁴⁵⁾ Dan il-Premju se jżid mal-għodod diġà eżistenti li jipprovdu rikonoxximent u viżibilità tal-UE lill-isforzi magħmula mill-awtoritajiet lokali u reġjonali.

⁽⁴⁶⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM/2025/790 final tat-12 ta' Novembru 2025 [dwar l-istrateġija tal-UE għas-soċjetà ċivili](#).

⁽⁴⁷⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2023) 40 final tal-25 ta' Jannar 2023 [Insaħħu d-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea](#): nisfruttaw il-potenzjal kollu tiegħu biex niksbu tranżizzjonijiet ġusti.

⁽⁴⁸⁾ Mill-EUR 142 biljun, EUR 95,1 biljun ġejjin mill-baġit tal-UE.

rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika tal-FSE+, fejn ir-riżorsi ddedikati għall-indirizzar tal-faqar fost it-tfal żdiedu b'5,4 % (EUR 491 miljun addizzjonali) u l-privazzjoni materjali żdiedet bi 3,5 % (EUR 211-il miljun addizzjonali). Minbarra l-FSE+, l-UE tappoġġa l-ġlieda kontra l-faqar bil-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni bħall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u programmi oħra ta' finanzjament bħall-Fond Soċjali għall-Klima, InvestEU, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku. Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jittrasponu s-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet 2 (ETS2) u jippreżentaw il-pjanijiet tal-Fond Soċjali għall-Klima tagħhom mingħajr dewmien biex l-unitajiet domestiċi vulnerabbli jkunu jistgħu jiġu appoġġati. Il-Kummissjoni se tassisti lill-Istati Membri biex jagħmlu l-aħjar użu mill-finanzjament disponibbli tal-UE u jallokaw mill-ġdid il-fondi tal-UE fejn ikun fattibbli u f'konformità mal-preferenzi tal-Istati Membri u tar-reġjuni għal miżuri kontra l-faqar li jistgħu jwasslu impatt dejjiemi.

Qegħdin jintużaw ukoll riżorsi sinifikanti permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (b'baġit totali ta' EUR 577 biljun). Il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza diġà jinkludu riformi u investimenti li qegħdin jgħinu lill-Istati Membri jikkontribwixxu għall-ġlieda u għall-prevenzjoni tal-faqar. Dawn għandhom jitlestew sal-31 ta' Awwissu 2026, f'konformità mal-iskadenzi stabbiliti fl-arkitettura legali tal-Faċilità. Dan jista' jinkiseb ukoll billi jiġi aċċellerat it-tweġiq ta' miżuri rilevanti fil-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza u billi jsir użu tajjeb mill-indikaturi pprovduti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "NextGenerationEU - Il-mixja lejn l-2026", fejn fattibbli fl-iskadenza tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) (il-31 ta' Awwissu 2026)⁽⁴⁹⁾.

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028-2034 talloka mill-inqas 14 % tal-allokkazzjonijiet fil-qafas tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali għal objettivi soċjali. L-Istati Membri huma mitluba jikkonċentraw ir-riżorsi tagħhom fuq erba' tipi ta' miżuri soċjali: l-inklużjoni soċjali; l-assistenza tal-ikel jew l-assistenza materjali bażika; l-indirizzar tal-faqar tat-tfal u l-implimentazzjoni tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal; il-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh u l-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ. Il-Faċilità tal-UE proposta se tippermetti li jkomplu jiġu appoġġati l-mikrofinanzjament u l-finanzjament għall-intrapriżi soċjali permezz ta' mekkaniżmu ta' garanzija baġitarja, bħal fit-Tieqa għall-Investment Soċjali u l-Filiet tal-InvestEU attwali.

Bħala parti mir-responsabbiltà kollettiva tagħna li niġġieldu u nipprevjenu l-faqar, is-settur privat jista' jagħti kontribut kbir u jieħu aktar azzjoni biex jiġi indirizzat il-faqar multidimensjonali fl-UE. In-negożji u l-organizzazzjonijiet filantropiċi u l-investituri jistgħu jikkomplementaw bis-saħħa r-riżorsi pubbliċi u jgħinu biex jiżdiedu soluzzjonijiet innovattivi għall-ġlieda kontra l-faqar, iwasslu għal benesseri u opportunitajiet aħjar għal kulħadd fis-soċjetà kif ukoll prosperità u kompetittività aktar b'saħħithom. Sabiex l-investimenti privati jkunu jistgħu jiġu diretti aħjar lejn l-objettivi soċjali, l-istandards, il-kunċetti u l-metodi rilevanti huma importanti. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), se tesplora t-tnejn ta' qafas volontarju xprunat minn objettivi investibbli. Dan

⁽⁴⁹⁾ Bħala strument imfassal biex jindirizza l-konsegwenzi negattivi tal-kriżi tal-COVID-19 fl-Unjoni, appoġġata minn mezzi addizzjonali straordinarji u temporanji, l-RRF inħolqot b'limiti ta' żmien stretti ħafna li ma jistgħux jiġu derogati, peress li huma stabbiliti fir-Regolament EURI, fir-Regolament RRF u fid-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprii.

se jgħin lill-investituri jiddisinjaw, jivvalutaw u jqabblu strateġiji ta' investiment b' mod konsistenti u flessibbli.

Fl-2026, fl-okkażjoni tal-jum internazzjonali tal-eradikazzjoni tal-faqar (is-17 ta' Ottubru), il-Kummissjoni se tnedi **Koalizzjoni Kontra l-Faqar, li se tlaqqa' flimkien l-organizzazzjonijiet tan-negozju u filantropiċi soċjalment responsabbli**. Il-Koalizzjoni se sservi bħala pjattaforma Ewropea għall-kooperazzjoni u l-apprendiment reċiproku, li tteġġeg lill-kumpaniji privati u lill-organizzazzjonijiet tal-karità biex jikkontribwixxu għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-faqar u jgħinu ħalli tingħata spinta lill-involvement mal-partijiet ikkonċernati rilevanti u jwasslu impatt soċjali sinifikattiv. Is-sħab tal-koalizzjoni se jiffirmaw Karta li tistabbilixxi prinċipji u azzjonijiet komuni għan-negozji ta' kull daqs biex jappoġġaw il-ġlieda kontra l-faqar. Huma se jagħmlu wkoll wegħdiet speċifiċi, pereżempju li jipprovdu oġġetti u servizzi, jimplimentaw proġetti ta' inklużjoni soċjali fil-komunità fejn joperaw jew jappoġġaw l-integrazzjoni u l-impjeg ta' gruppi speċifiċi, bħal żgħażaġh vulnerabbli.

Il-Kummissjoni se tkompli ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha mal-banek multilaterali tal-investiment biex timmobilizza l-finanzjament għal miżuri kontra l-faqar. Il-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) jappoġġa t-tkabbir inklużiv billi jiffinanzja l-infrastruttura soċjali u s-servizzi essenzjali li jippermettu lin-nies jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà u fl-ekonomija. B'ħarsa lejn il-ġejjieni, **il-Grupp tal-BEI għandu l-għan li jiffinanzja investimenti ġodda fl-infrastruttura soċjali għal madwar EUR 22 biljun fil-perjodu 2026-2027**, u dan se jsaħħaħ il-kontribut tal-Grupp għal opportunitajiet indaqs u prosperità kondiviża fl-Ewropa. Il-Kummissjoni se tkompli timpenja ruħha mal-Grupp tal-BEI dwar l-appoġġ ta' investimenti li jirriflettu l-kamp ta' applikazzjoni tal-Istrateġija tal-UE Kontra l-Faqar kif ukoll tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal. Barra minn hekk, b'mandat esklużivament soċjali u b'enfasi fuq il-persuni vulnerabbli u dawk fir-riskju ta' esklużjoni soċjoekonomika, il-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa (CEB) se jkompli jappoġġa l-investimenti fil-kapital uman, f'ambjenti ta' għajxien inklużivi u reżiljenti, l-aċċess għall-finanzjament u l-ħolqien tal-impjegi, fil-medda ta' EUR 3 biljun fis-sena, mal-membri tal-UE tiegħu abbażi tal-volumi attwali ta' self. L-UE qiegħda ssaħħaħ il-kooperazzjoni strateġika mas-CEB, u għal dak il-għan, fl-2026 il-Kummissjoni adottat proposta biex l-UE ssir azzjonista tas-CEB. Il-Kummissjoni Ewropea u s-CEB se jaħdmu biex **sal-2027 jistabilixxu Qafas ta' Kooperazzjoni Konġunt biex isaħħu l-investimenti biex jindirizzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali fl-UE.**

Monitoraġġ

Il-kejl tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali fl-UE jirrifletti n-natura multidimensjonali u sistemika tagħhom. L-indikatur ewlieni tal-UE tar-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (AROE) jikkombina tliet dimensjonijiet⁽⁵⁰⁾: il-faqar monetarju, il-privazzjoni fl-aċċess għall-oġġetti u s-servizzi⁽⁵¹⁾ u l-intensità tax-xogħol baxxa.

⁽⁵⁰⁾ L-indikatur ewlieni tal-UE għall-monitoraġġ tar-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali jikkombina tliet dimensjonijiet: il-faqar monetarju relattiv (li għandu introjtu disponibbli totali taħt is-60 % tal-medjan nazzjonali); il-privazzjoni materjali u soċjali estrema (li persuna ma tkunx tista' taffordja oġġetti u servizzi bażiċi li jitqiesu essenzjali għal ħajja dinjituża); u l-intensità tax-xogħol baxxa ħafna (il-firxa kumplessiva tax-xogħol tkun anqas minn 20 % tal-potenzjal totali tagħhom ta' xogħol full-time kkombinat).

⁽⁵¹⁾ Dan jirrappreżenta l-proporzjon tal-popolazzjoni li qiegħda tesperjenza nuqqas infurzat ta' mill-inqas 7 minn 13-il oġġett ta' privazzjoni, li huma deskritti fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Il-Faqar fl-UE – xejriet u politiki ewlenin, SWD (2026) 770.

Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-progress fir-rigward tal-mira tal-UE għall-2030. Il-ġlieda kontra l-faqar teħtieġ tfassil ta' politika bbażat fuq id-data u fuq l-evidenza, appoġġat minn indikaturi komparabbli ta' kwalità għolja. Il-pass mgħaġġel tal-bidliet aggravati mill-għoli tal-ħajja, kif ukoll minn bidliet sinifikanti fis-suq tax-xogħol u fil-forza tax-xogħol, jitlob antiċipazzjoni aħjar u evidenza aktar b'saħħitha li ssir disponibbli aktar malajr. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se ttejjeb il-monitoraġġ tal-faqar u se **tressaq indikaturi ġodda biex tkejjel l-impatt tal-komponenti tal-affordabbiltà fuq il-faqar, bil-ħsieb li jintlaħaq qbil fuqhom sal-2028** u tidentifika bażi ta' monitoraġġ b'saħħitha għall-progress lejn l-ambizzjoni tal-2050. L-għan huwa li jittejbu t-tempestività u l-komprensività tad-data relatata mal-faqar, inkluż billi jissaħħaħ il-kejl tal-privazzjoni materjali u dan jiġi standardizzat fil-livell tal-UE, u li jiġu esplorati approċċi oħra biex jitkejlu kemm l-affordabbiltà kif ukoll il-faqar estrem kif ukoll li jkun hemm indikaturi aktar granulari tad-disparitajiet territorjali. Soġġett għal ftehim mal-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur (EPSCO) u l-kumitati konsultattivi tiegħu, dan imbagħad jista' jwassal ukoll għal rieżami tal-indikaturi relatati fit-tabella ta' valutazzjoni soċjali bil-ħsieb li tissaħħaħ l-analiżi rilevanti fil-Qafas ta' Konverġenza Soċjali. Dan is-sett ġdid ta' indikaturi se jirrifletti dimensjonijiet differenti tal-faqar, kif ukoll l-affordabbiltà, bħall-aċċess għal oġġetti u servizzi bażiċi essenzjali għal ħajja deċenti u l-kapaċità tal-akkwist, il-ġid u d-dejn.

Il-Kummissjoni tinsab lesta li tappoġġa lill-**Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali**, u fejn rilevanti, lill-Kumitat tal-Impjiegi, biex jikkontribwixxi għall-monitoraġġ tal-Istrateġija u biex iservi bħala forum għall-iskambju fost l-Istati Membri u mal-Kummissjoni, filwaqt li tkun konxja li ma toħloqx piż amministrattiv bla bżonn.

Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja din l-Istrateġija jirrieżamina l-progress fil-ġlieda kontra l-faqar fl-UE, bil-ħsieb li tinkiseb l-ambizzjoni tal-2050 ⁽⁵²⁾. Aktar ħidma konġunta mal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali se tinkludi l-ittestjar tal-istress tar-reżiljenza tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tal-Istati Membri meta jiffaċċjaw xokkijiet potenzjali.

Sforzi globali

Fil-livell globali, l-azzjoni tal-UE tisħaq li l-indirizzar tal-faqar madwar id-dinja huwa vitali għal prosperità kondiviża, sigurtà globali u stabbiltà. L-UE ilha mexxejja globali fl-avvanz tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 1 dwar l-eradikazzjoni tal-faqar fil-forom kollha tiegħu. Dan l-impenn huwa rifless f'aktar minn EUR 26,6 biljun allokati direttament għal dan l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG), kif ukoll fil-kamp ta' applikazzjoni usa' tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) ifffinanzjata mill-UE, fejn l-SDGs kollha huma abilitanti tat-tnaqqis tal-faqar. Il-Kummissjoni se tkompli l-kooperazzjoni man-Nazzjonijiet Uniti biex timplimenta l-SDGs.

Il-proċess ta' tkabbir tal-UE huwa aċċeleratur ewlieni għall-inklużjoni soċjali, l-impjiegi u t-tnaqqis tal-faqar fil-pajjiżi kandidati u fil-pajjiżi kandidati potenzjali, filwaqt li jħejjihom għas-sħubija fl-UE. Barra minn hekk, l-involviment tal-UE dwar it-tnaqqis tal-faqar fil-pajjiżi kandidati u fil-pajjiżi kandidati potenzjali jrid jinftiehem bħala investment strateġiku fis-soċjetajiet tagħhom, fl-integrazzjoni u fil-kompetittività futuri tagħhom tas-suq intern. L-appoġġ tal-UE huwa prinċipalment indirizzat permezz tal-

⁽⁵²⁾ Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Il-faqar fl-UE – xejriet u politiki ewlenin, SWD (2026) 770.

Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni u l-miżuri mmirati huma inklużi fl-Aġenda ta' Riforma għall-Balkani tal-Punent, il-Moldova u l-Ukrajna.

4. KONKLUŻJONI

L-azzjoni għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faqar hija aktar urġenti minn qatt qabel. L-isfida li għandna quddiemna hija waħda enormi. Hija meħtieġa azzjoni iddeterminata, qawwija u miftiehma biex tgħin fil-protezzjoni ta' dawk li jgħixu fil-faqar u biex jiġi pprevenut li persuni oħra jispiċċaw fil-faqar fil-kuntest ta' żieda fl-għoli tal-ħajja u t-tbatija. Dan ifisser li jiġi żgurat li **kull persuna jkollha l-opportunità li tgħix ħajja b'dinjità**, li taċċessa impjiegi ta' kwalità, akkomodazzjoni affordabbli, u oġġetti bażiċi ta' kwalità u affordabbli u servizzi essenzjali. Kulħadd għandu wkoll jingħata s-setgħa li jaħsad l-opportunitajiet li jirriżultaw mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali; u d-diskriminazzjoni u l-istigma għandhom jiġu miġġielda biex ħadd ma jiġi eskluż mill-integrazzjoni fis-soċjetà u fl-ekonomija.

Din l-istrateġija tistabbilixxi l-perkors biex naslu eqreb lejn il-mira tal-UE għat-tnaqqis tal-faqar għall-2030 u biex tgħin fil-qerda tal-faqar sal-2050. Barra minn hekk, tressaq għodod tal-UE biex tappoġġa lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati biex iżidu l-isforzi tagħhom u jimxu 'l quddiem flimkien b'mod koordinat. Il-ġlieda kontra l-faqar b'mod effettiv u l-iżgurar li l-għajxien fl-UE jkun ugwali għall-għajxien b'dinjità jirrikjedu ambizzjoni qawwija. L-UE jeħtieġ li taċċellera u tgħaqqad l-isforzi fil-livelli kollha, mill-atturi pubbliċi u privati bl-istess mod u twettaq strateġija koerenti bl-involvement qawwi tas-soċjetà ċivili u ta' dawk li jesperjenzaw il-faqar. B'dan il-mod biss se nikkontribwixxu għat-titjib tal-preżent, inwittu l-perkors għal ġejjieni aħjar, inkissru ċ-ċikli tal-faqar u l-iżvantaġġi u ngħinu biex tinkiseb UE mingħajr faqar sal-2050.

Anness: Lista ta' inizjattivi ġodda inklużi fl-Istrateġija Kontra l-Faqar

Inizjattiva	Data
1. MIŻURI BIEX JIĠI INDIRIZZAT IL-FAQAR F'KULL GRUPP TA' ETÀ	
Il-Komunikazzjoni: "Inkissru ċ-ċiklu tal-faqar fost it-tfal — Insaħħu l-Garanzija Ewropea għat-Tfal"	Flimkien mal-Istrateġija tal-UE Kontra l-Faqar
Tnedija tal-konsultazzjoni tal-ewwel stadju tas-sħab soċjali Ewropej biex jinkisbu l-fehmiet tagħhom dwar id-direzzjoni possibbli tal-azzjoni tal-UE biex tiġi appoġġata l-attivazzjoni ta' persuni esklużi mis-suq tax-xogħol u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fir-rigward tal-opportunitajiet tas-suq tax-xogħol	2026
Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li tipprovdi gwida politika bbażata fuq l-evidenza għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faqar fost dawk li jaħdmu fl-Unjoni Ewropea, segwita minn diskussjonijiet strutturati apposta mal-Istati Membri	2027
Rapport dwar l-infurzar tad-Direttiva dwar il-Pagi Minimi, segwit minn attivitajiet ta' apprendiment reċiproku	2026 u kontinwu
Kompendju tal-aħjar Prattiki biex jgħin fl-indirizzar tan-nuqqas ta' użu tal-benefiċċji	2027
Skambju ta' livell għoli dwar politiki integrati għal xjuħija dinjituża	2027
2. MIŻURI BIEX JIĠU INDIRIZZATI L-ISFIDI ORIZZONTALI LI JAGGRAVAW IL-FAQAR	
Proposta ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-esklużjoni mill-akkomodazzjoni	Flimkien mal-Istrateġija tal-UE Kontra l-Faqar
Aġġornament tal-Qafas Volontarju Ewropew għall-Kwalità tal-UE tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali	Bi qbil mal-KPS
Aġġornament tar-Rapport tal-Kummissjoni tal-2023 dwar l-Aċċess għal Servizzi Essenzjali	2027
Proposta ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar aċċess aktar faċli u integrat għas-servizzi	2027
3. TISĦIĦ TAL-GOVERNANZA U L-FINANZJAMENT U TITJIB TAL-MONITORAĠĠ BIEX JITNAQQAS U JIĠI PPREVENUT IL-FAQAR	
Prinċipji għal politiki effettivi kontra l-faqar	Flimkien mal-Istrateġija tal-UE Kontra l-Faqar
Konklużjoni ta' ftehim ta' kooperazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u Pjan ta' Azzjoni Konġunt mal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar azzjonijiet li jappoġġaw il-ġlieda kontra l-faqar	2026
Premju tal-UE għall-Inklużjoni Soċjali	Tnedija fl-2027
Koalizzjoni Kontra l-Faqar mas-settur privat u l-organizzazzjonijiet filantropiċi	Tnedija fl-2026

Djalogu strutturat ma' persuni li jesperjenzaw il-faqar	Tnedija fl-2027
Indikaturi ġodda tal-faqar	2028